MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 200/1999/1

**L-Avukat Peter Caruana Galizia bhala prokuratur ta' l-assenti Rose Proctor kultant indikata wkoll bhala Rose Procter**

**vs**

**Carmelo sive Charles, Mario u Joseph ahwa Dingli, u Giovanna sive Jane mart l-istess Carmelo sive Charles Dingli u Anna mart Joseph Dingli.**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE

1. B'citazzjoni fl-ismijiet premessi l-attur nomine wara li ppremetta

Illi bl-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 1998 (kopja Dok. A) prezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-istess data u mibghuta lil Rose Proctor bhala eredi ta' Emmanuela sive Emma Bugeja, il-konvenuti allegaw:

a. li c-cedola ta' fidi ta' cens tat-2 ta' Lulju 1993 (nru.848/93) hija nulla u inattendibbli, u

b. li l-proprjeta` ta' l-art maghrufa ta' Giakondu mill-liema il-Villa fuq imsemmija u cioe` Villa Ozark, gia Villa Dingli fi Triq Mejxu, tal-Ibragg, St. Andrews limiti Birkirkara, tifforma parti zghira tappartjeni lilhom.

Premess illi l-imsemmija Rose Proctor tipposjedi din il-Villa inkluz l-art sottostanti u l-gnien anness, bhala eredi universali ta' ohtha Emmanuela sive Emma Bugeja li mietet fil-15 ta' April 1998 u li kienet wirtet l-istess Villa b'titolu ta' legat minghand l-ewwel ragel taghha Nazzareno sive Reno Dingli li kien bena l-istess Villa fuq porzjon art ta' circa elf seba' mija sitta u sebghin metri kwadri (1776mk) (site plan Dok. C) kif soggetta ghal rata taghha tac-cens originali imposta fuq it-territorju kollu ta' Giokondu liema rata kienet ekwivalenti ghal LM106.11 fis-sena u li gie regolarment mifdi minn Emmanuela sive Emma Bugeja bl-imsemmija cedola u li ghalhekk tixtieq tehles minn din il-jattanza skond il-ligi;

L-attur nomine talab lill-ewwel Onorabbli Qorti:

(i) Taghti lill-konvenuti zmien qasir u perentorju sabiex fih igibu 'l-quddiem b'kawza il-pretenzjonijiet taghhom;

(ii) tordna fin-nuqqas ta' dan li l-istess konvenuti jigu mpeduti li jagixxu qatt izjed ghal dawn il-pretensjonijiet u jigu kundannati ghas-skiet perpetwu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

2. Il-Konvenuti eccepew hekk:-

(i) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

(ii) Illi qabel xejn l-attur irid jaghmel prova tal-prokura tieghu u tal-kwalita` ta' l-attrici bhala eredi;

(iii) Illi fi kwalsiasi kaz huma l-proprijetarji diretti ta' l-art in kwistjoni u huma fil-pussess ta' l-istess cens li gie minnhom mifdi u ghalhekk ma jistax jigi mpost lilhom terminu fuq dak minnhom possedut;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza taghha tat-30 ta' April 2001 l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet din il-kawza billi laqghet l-ewwel talba attrici u tat lill-konvenuti tlett xhur zmien biex fih igibu 'l quddiem il-pretensjoni taghhom u rriservat li tipprovdi ulterjorment dwar it-tieni talba fi stadju ulterjuri f'kaz li dan it-terminu jghaddi inutilment; spejjez riservati ghall-gudizzju finali;

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

4. Il-konvenuti hassu ruhhom aggravati bis-sentenza appellata in kwantu li din laqghet l-ewwel talba attrici u interponew appella minnha fuq l-aggravji segwenti:

Illi din hija kawza ta' jattanza, maghmula mill-attur nomine a tenur tal-procedura stabbilita bit-Titolu VIII, sub-titolu II "**Fuq il-Gudizzju ta' Jattanza**", artikoli 403 et. seq. tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi l-imsemmi artikolu 403 jipprovdi li:

*"Meta f'att gudizzjarju, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles minn din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il-quddiem b'kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni."*

Illi l-ittra mertu ta' dawn il-proceduri tikkonsisti f'ittra ufficjali datata Mejju 1998. F'dik l-ittra, (ezibita mac-citazzjoni attrici u mmarkata bhala dokument A) il-konvenuti gharrfu lill-attrici Rose Proctor sintetikament li huma (il-konvenuti odjerni) kienu fdew ic-cens fuq l-art ta' Giokondu minghand il-familja Grech b'att Pubbliku datat 6 ta' Frar 1997 u li il-proprjeta` ta' l-imsemmija art kienet ghalhekk saret taghhom; barra minn hekk ic-cedola ta' fidi datata 2 ta' Lulju 1993 kienet nulla u inattendibbli.

Illi t-titolu tal-konvenuti, cioe ta' proprjeta` fuq l-art formanti it-territorju ta' Giokondu jirrizulta mill-att pubbliku, insinwat regolarment li permezz tieghu il-konvenuti akkwistaw l-imsemmija art. Illi stante li t-titolu tal-konvenuti jirrizulta minn att pubbliku, lil kull min jaghmel ricerki fuq l-imsemmija art ser jirrizultalu li l-art hija tal-konvenuti. L-atturi jallegaw li ma setghux ibieghu l-art minhabba l-interpellazzjoni maghmula mill-konvenuti. Pero`, fil-verita`, l-atturi ma setghux jidhlu f'xi kuntratt ghaliex mir-ricerki jirrizulta li hemm difett fit-titolu taghhom u mhux minhabba xi indhil da parti tal-konvenuti. Il-konvenuti imxew korrettement fil-konfront ta' l-atturi billi bl-ebda mod ma ppruvaw jindahlulhom fin-negozju.

Illi <u>l-ewwel aggravji ghalhekk jikkonsisti fil-fatt li l-ittra ma hijiex interpellazzjoni ai sensi rikjest mill-artikolu 403 tal-Kap. 12 stante li biha il-mittenti</u> (il-konvenuti odjerni) sempliciment innotifikaw lill-intimati bi stat ta' fatt. L-ittra ufficjali in kwistjoni ma tikkontjeni ebda talba kwalsiasi. Ma huwiex qed jintalab xi hlas ta' cens jew li l-intimati jizgumbraw minn fuq il-fond. Ma humiex qed jigu mwissija jew inibiti milli jaghmlu xi haga. L-ittra sempliciment tikkontjeni riassunt ta' stat ta' fatt. Minn imkien ma jirrizulta li l-mittenti xtaqu jipprocedu ulterjorment kontra l-

intimati. Illi allura l-ittra in kwistjoni ma tikkostitwix jattanza skond il-ligi. L-ittra ghalhekk hija semplici rendikont u mhux talba jew interpellazjoni. Kieku kienu verament konvinti mit-titolu taghhom l-atturi setghu facilment ikomplu bil-kuntratt li riedu jaghmlu. Huma waqqfu mhux minhabba l-ittra ufficjali imma minhabba l-istat tar-ricerki.

Illi t-tieni aggravji jikkonsistu fil-fatt li ma jista jigi impost fuq l-appellanti ebda terminu fuq dak minnhom possjedut.

Kif jidher mill-atti ta’ din il-kawza t-titolu tal-konvenuti jirrizulta minn att pubbliku regolarment ezegwit, ppublikat u insinwat. Il-konvenuti kienu fdew ic-cens in kwistjoni minghand il-familja Grech u b’hekk akkwistaw l-utile dominium fuq it-territorju ta’ Giocondu kollu. Il-porzjoni art fuq liema tinsab sorguta il-Villa Ozark tifforma parti minn dan it-territorju. Bl-ittra taghhom, mertu ta’ din il-kawza, il-konvenuti sempliciment gibdu l-attenzjoni ta’ l-attur nomine ghal dawn il-fatt. Xejn aktar. Id-drittijiet tal-konvenuti ghalhekk jemanaw minn dokument pubbliku insinwat regolarment. Illi hija l-umili sottomissjoni ta’ l-appellanti li ma jista jigi mpost fuq l-atturi ebda terminu biex jagixxu ghall-konferma ta’ tali Att.

Illi hawnhekk ma hijiex kwistjoni ta’ semplici pretensjoni ta’ xi jedd imma ta’ jeddijiet li johorgu minn titolu pubbliku u li ghalhekk jirrizultaw fil-fatt. Kwalsiasi dritt li ghandhom il-konvenuti fuq il-proprjeta` in kwistjoni temana mill-atti fir-registru pubbliku. Illi s-sottomissjoni umli tal-konvenuti f’dan ir-rigward huwa li ma jista’ jkun impost fuqhom ebda terminu fuq dak li jipposjedu. Il-pussess taghhom ta’ l-art in kwistjoni ma tistax tigi assoggettata ghal xi terminu. Inoltre, kawza ta’ Jattanza ma ghandhiex il-funzjoni li tannulla titolu registrat fir-registru pubbliku.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-appellanti jitolbu li din il-Qorti joghgobha tiddeciedi billi thassar u tirrevoka is-sentenza appellata b’dan illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u b’hekk tichad l-ewwel talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine.

**IR-RISPOSTA TA' L-AVUKAT PETER CARUANA GALIZIA NOMINE**

5. L-appellat nomine wiegeb hekk:-

(i) Illi s-sentenza attakkata hija gusta u timmerita konferma u l-aggravvji tal-konvenuti appellanti huma frivoli u infondati fil-fatt u fid-dritt.

(ii) Illi a rigward l-ewwel aggravju, konsistenti fl-allegazzjoni li l-ittra ufficjali (Dok. A mac-citazzjoni) ma hijiex interpellanza ai sensi rikjesti mill-artiklu 403 Kap 12 jinghad li fil-fatt l-appellanti ippretendew li ghandhom xi jedd u mhux sempliciment ikkonstataw stat ta' fatt limitatament ghac-cens kif issa qed jallegaw.

(iii) L-appellanti fil-fatt fl-istess ittra ufficjali allegaw li l-propjeta' ta' l-art maghrufa bhala ta' *Giokondu* mill-liema il-villa fuq imsemmija u cioe` Villa Ozark gia' Villa Dingli fi Triq Wied Mejxu Ta' L-Ibrag, St. Andrew's limiti Birkirkara tifforma parti zghira tappartjeni lilhom. Din hija pretensjoni ta' jedd u xejn inqas. Hija hafna izjed minn pretensjoni ta' titolu ta' dirett dominju kif issa qed jipprovaw jdawwru d-diskors l-appellanti. It-tesi (ridikola) taghhom kienet li l-villa kienet ta' Rose Proctor bhala eredi ta' ohtha Emma Bugeja (xebba Cavallo u Dingli fl-ewwel zwieg) izda mhux l-art li fuqha inbniet stante li l-legat ta' Reno Dingli, l-ewwel ragel ta' Emma xebba Cavallo kien jghid li qed jhallilha l-villa – u ma qal xejn dwar l-art ta' tahta. L-appellanti jigifieri kienu qed jghidu, u dina hija l-pretensjoni l-izjed goffa fl-ittra ufficjali, li l-art (mhux ic-cens impost fuqha) hija taghhom in kwantu huma l-eredi ta' Reno Dingli li kellu l-utile dominju perpetwu u li l-legat favur martu Emma Dingli, sussegwentement Emma Bugeja, hija biss tal-villa minghajr l-art ta' tahtha. Sussegwentement peress li minghalihom xtraw ic-cens minghand il-familja Grech ukoll, huma allegatament ikkonsolidaw l-utile dominju u b'hekk saru propjetarji assoluti ta' l-art, izda mhux tal-villa li ghalhekk qeghda fl-arja *(sic)*. Kuncett pjuttost innovattiv.

(iv) Illi issa l-appellanti qeghdin f'daqqa wahda u wara li hemm sentenza tal-Prim Awla favur l-esponenti nomine, jallegaw li l-pretensjonijiet taghhom huma biss fuq id-dirett dominju stante li qed jghidu li xtraw id-dirett dominju minghand il-familja Grech. Dana huwa inkluz skond huma fil-kuntratt ippubblikat minn Nutar George Bonello Du Puis fis-6 ta' Frar 1997. Jidher fil-fatt li kienu l-appellanti li ma ghamlux ir-ricerki sew meta xtraw ic-cens kollu minghand il-familja Grech ghax kieku kienu jindunaw bic-cedola u li s-somma kapitali depozitata bic-cedola numru 848/93 tat-2 ta' Lulju 1993 kienet giet zbankata mill-familja Grech fid-29 ta' Frar 1996 u b'hekk gie mifdi ic-cens fuq l-art li fuqha inbniet Villa Ozark, gia' Villa Dingli.

(v) Illi t-tieni aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fil-fatt allegat minnhom li ma jistax jigi impost fuq l-appellanti ebda terminu fuq dak minnhom possjedut.

(vi) Dwar dan l-aggravvju jinghad illi l-appellanti xtraw cens li kien gia mifdi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti: Ghalhekk ma kienx izjed tal-familja Grech u ma setax jimbiegh minnhom. Ovvjament in kwantu jolqot ic-cens ta' Villa Ozark dan l-akkwist huwa null u t-titolu fid-dirett dominju ma ghaddiex ghand l-appellanti. Ic-cens fuq Villa Ozark kien tal-familja Grech u Emma Bugeja, l-awtur ta' Rose Proctor, fdiet ic-cens fil-konfront tal-familja Grech hafna qabel ma sar il-kuntratt li bih minghalihom l-appellanti xtraw l-istess dirett dominju. Ghalhekk Villa Ozark hija illum franka minn kull cens u il-pretensjonijiet ta' l-appellanti kif imfissra fl-ittra ufficjali Dok. A mac-citazzjoni kemm a rigward tac-cens kif ukoll ghall-propjeta` ta' l-art li fuqha inbniet il-villa huma atti ta' molestazzjoni li jinkwadraw ruhhom perfettament fl-artiklu 403 Kap 12.

(vii) Ghahekk la d-dirett dominju kien possedut mill-appellanti u wisq anqas l-art li fuqha inbniet il-villa u mhux il-kaz li l-appellanti qeghdin jinghataw terminu fuq dak minnhom gia possedut.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-appell hu dwar kawza ta' jattanza deciza bl-akkoljiment ta' l-ewwel talba avanzata mill-appellat nomine fil-konfront tal-konvenuti appellanti li gew moghtijin terminu ta' tlett (3) xhur biex jiddeducu l-pretensjonijiet taghhom u b'dan li decizjoni dwar it-tieni talba baqghet rizervata li tinghata fi stadju ulterjuri fil-kaz li dan it-termini jghaddi inutilment, bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

7. L-aggravji tal-konvenuti huma tnejn, igifieri
(i) li l-ittra ufficjali mibghuta minnhom lill-kontroparti ma kenitx tammonta ghal interpellazzjoni ai termini ta' l-artikolu 403 tal-Kap. 12;

(ii) li, bil-maqlub ta' dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, ebda terminu ma seta' jigi impost fuq il-konvenuti "fuq dak minnhom possjedut".

(I) <u>L-Aggravju dwar is-Sinjifikat Legali ta' l-Ittra Ufficjali</u>.

8. Il-partijiet m'humiex jaqblu bejniethom dwar l-import legali ta' l-ittra ufficjali datata s-7 ta' Mejju 1998 li l-konvenuti baghtu lill-kontroparti attrici dwar il-proprjeta' immobbli <u>de quo</u>, igifieri l-art maghrufa bhala "ta' Giokondu" kompriza Villa Ozark, gja' Villa Dingli, fi Triq Mejxu, ta' L-Ibragg, Saint Andrews, limiti ta' Birkirkara li tinsab fuq parti minn din l-istess art.

Skond l-appellat nomine l-ittra ufficjali surreferita kienet tammonta <u>inter alia</u> ghal pretensjoni da parti tal-konvenuta li l-art kollha, kompriza dik li fuqha hija mibnija Villa Ozark, tappartjeni lill-konvenuti.

Il-konvenuti appellanti, min-naha taghhom, jissintetizzaw l-import legali ta' din l-ittra hekk (ara rikors ta' appell, fol. 3, para 4),
"... L-ittra ufficjali in kwistjoni ma tikkontjeni ebda talba kwalsiasi. Ma huwiex qed jintalab xi hlas ta' cens jew li l-intimati jizgumbraw minn fuq il-fond. Ma humiex qed jigu mwissija jew inibiti milli jaghmlu xi haga. L-ittra sempliciment tikkontjeni riassunt ta' stat ta' fatt ..."

9. Din il-Qorti, indipendentement minn dak li ssottomettew il-kontendenti, jidhrilha li l-aqwa u l-ahjar prova dwar is-sinjifikat ta' l-ittra ghandu johrog mill-kontenut innifsu taghha. F'din l-ittra (ara Dok A, a fol. 5 tal-process) l-attur nomine gie mgharraf mill-konvenuti kwantu segwe:

✶ illi c-cedola ta' fidi ta' cens tat-2 ta' Lulju 1993 "hija nulla u inattendibbli u dan billi qatt ma gie determinat jew miftiehem (recte determinata jew miftehma) ir-rata ta' cens li tinkombi fuq l-art sottostanti l-Villa Ozark";
✷ illi l-istess cens kien gie akkwistat mill-konvenuti minghand id-diretti proprjetarji fis-6 ta' Frar, 1997;
✹ fi kwalsiasi kaz il-proprjeta' ta' l-art maghrufa ta' Giokondu mill-liema l-Villa fuq imsemmija "tifforma parti zghira (**sic!**) tappartjeni lilhom (i.e. lill-konvenuti)."

10. Bilkemm ghandu jinghad li att gudizzjarju bhalma certament hija ittra ufficjali ma tintbaghtx ghal xejn. Ittra ufficjali tintbaghat bi skop u f'certi kazi tista' anke sahansitra tirradika dritt jew, bil-kontra, twaqqaf billi tinterrompi dritt iehor li jista' jkun qieghed jitwieled. Dan maghdud, m'ghandu jkun hemm ebda dubbju, fil-kaz in ezami, illi l-ittra ufficjali spedita mill-konvenuti tmur ferm oltre milli "sempliciment tikkontjeni stat ta' fatt". Din l-ittra qeghda difatti tasserixxi u tivvanta pretensjoni ta' titlu ta' proprjeta' fuq l-art de quo, kompriza dik il-parti li fuqha hija mibnija l-villa mixtrija u li tinsab fil-pussess tal-kontroparti attrici. Minbarra dan, qeghda tgharraf ukoll li l-fidi tac-cens fuq l-art posseduta mill-atturi kien wiehed null. Frankament, u jghidu x'jghidu l-konvenuti, pretensjonijiet aktar cari u netti minn dawn ftit jista' jkun hemm. Lanqas ma hija remota, anzi hija haga ferm probabbli li, rinfaccjat bi pretensjonijiet simili, l-attur nomine sab ruhu f'diffikulta li jitrasferixxi l-proprjeta' tieghu lil terzi. Kif ghalhekk gie gustament ritenut mill-ewwel Qorti, u dan wara li ghamlet rassenja approfondita ta' l-aspetti guridici dwar l-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' jattanza u x'inhu rikjest fiha,
"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ser isofri pregudizzju bil-pretensjonijiet tal-konvenuti u ghalhekk it-talba tieghu hija gustifikata. Mill-ittra ufficjali jirrizulta li l-

konvenuti qed jippretendu li ghandhom jedd u l-attur hu gustifikat li jrid jehles minn din il-pretensjoni."

L-ewwel aggravju ghalhekk qieghed jigi respint.

(II) L-Aggravju Dwar it-Termini

11. Il-konvenuti appellanti jidhrilhom ukoll illi darba li huma jippossjedu l-art de quo u li huma akkwistaw b'titolu skond il-ligi, l-ewwel Qorti zbaljat meta imponiet fuqhom terminu ta' tlett xhur sabiex jiddeducu gudizzjarjament dan id-dritt li huwa taghhom diga' bil-ligi.

Dwar dan l-aggravju, il-Qorti hija tal-fehma li l-meritu tieghu huwa intimament konness mal-meritu ta' l-ewwel aggravju, li kif intqal gie michud ghax infondat. Issa, u kif ukoll kellha okkazjoni tirritjeni korrettament l-Ewwel Qorti:

"Jirrizulta li Rose Proctor tipposjedi din il-Villa inkluz l-art sottostanti u gnien anness (Dok. C, a fol 9 tal-process) bhala eredi universali ta' ohtha Emma Bugeja (fol 27) li kienet wirtet b'titolu ta' legat minghand zewgha Reno Dingli ..."

Jirrizulta mill-atti li l-attur nomine mhux biss ghandu l-pussess tal-Villa Ozark u l-art taghha izda li c-cens gravanti l-art gie ukoll mifdi minnu. Ghalhekk darba li infeda, ma baqax aktar appartenti lid-direttarji Grech u kwindi lanqas seta' jerga' jimbiegh lil haddiehor – kif ippretendew il-konvenuti. U peress li l-konvenuti qeghdin jippretendu wkoll, li dan il-fidi kien wiehed null u l-art posseduta mill-attur nomine tappartjeni lilhom, kien proprju ghalhekk illi gustament l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba attrici. Kif gie irtenut fil-kawza fl-ismijiet "Imbroll vs Ellul" deciza mill-Prim' awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 1858 (ara Koll. Vol I –1-171) biex tista' tingieb 'il quddiem l-azzjoni ta' jattanza hija mehtiega l-prova tal-pussess fuq il-haga li fuqha gew millantati pretensjonijiet. Ghalkemm f'dan il-kaz l-attur nomine mar oltre minn semplici prova ta' pussess, li kienet tkun bizzejjed biex taghtieh id-dritt li jistitwixxi l-azzjoni in ezami, il-prova tal-pussess fuq il-proprjeta' li huwa jghid li

hija tieghu, u cjoe Villa Ozark bl-art sottostanti u l-gnien anness maghha, tirrizulta ampjament mill-provi prodotti. Kif allura gie ritenut f'diversi decizjonijiet in materja, fosthom dik fl-ismijiet "Spiteri Agius – vs – Formosa", P.A. (ara Koll. Vol. VIII – p. 169), citata ukoll mill-ewwel Qorti,
"Per essere sostenuta l'azione di jattanza è necessario che l' attore provi di essere nel possesso delle cose o del diretto su cui tentano le millantazioni e di avere interesse a liberarsene. Nel giudizio sommario di jattanza pero' l' attore non deve provare un giusto titolo di possesso sulla cosa controversa; è sufficiente la prova chi egli de facto la possegga".

Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti, migjuba tali prova mill-attur, imponiet allura terminu fuq l-appellanti kif intalab mill-kontroparti fl-att tac-citazzjoni. It-tieni aggravju, bhall-ewwel wiehed, huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi;
Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti bl-ispejjez relattivi ghal dina l-istanza a kariku ta' l-istess appellanti u billi t-tieni talba ghadha pendenti, tordna li, a kariku tar-Registratur, l-atti jintbaghtu mill-gdid quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghal fini ta' kontinwazzjoni a tenur ta' dak deciz u b'dan ukoll li, fic-cirkostanzi, it-terminu ta' tlett (3) xhur impost fuq il-konvenuti biex igibu quddiem il-pretensjoni taghhom ghandu jibda jiddekorri mill-lum.

Dep/Reg
df